# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 71

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

** **PREŻENTI:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

71.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. — Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**71.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 70**

71.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 70 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 70

**71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

71.3.1 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-Fondazzjoni Valletta 2018 dwar konferenza bit-titlu *Living Cities, Livable Space: Place Making Identity.*

Konferenza bit-titlu *Living Cities, Livable Space: Place Making Identity*

71.3.2 Is-Sindku ppropona li l-*mobile toilets* ta' Triq Il-Kulleġġ jitħallew għall-użu tal-pubbliku sa ma terġa' tinfetaħ il-latrina ta' Triq il-Kulleġġ. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Mobile Toilets* fi Triq il-Kulleġġ

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fis-7.35 ta' filgħaxija.

71.3.3 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sra Irina Vassallo sabiex tagħmel *kennel* għall-qtates fi Triq il-Kulleġġ ħdejn il-latrina.

Talba għall-*kennel* tal-qtates

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill unanimament ma qabilx li jilqa' din it-talba minħabba l-fatt li fiż-żona msemmija hemm skola. Però ġie maqbul li jintalab parir mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika jekk dawn jistgħux isiru u jekk il-Kunsill ikollu risposta fl-affermattiv is-Sra Vassallo tingħata l-awtorizazzjoni tal-Kunsill sabiex tagħmel tali *kennel* fi Triq Santa Rita.

71.3.4 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-kuntrattur Wilson Mifsud – *WM Environmental Ltd*, fejn qiegħed jitlob laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa d-*default notice* maħruġa lilu fis-7 ta' Settembru 2017.

Talba għal-laqgħa mingħand Wilson Mifsud – *WM Environmental Ltd*

Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jilqa' din it-talba.

**71.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

71.4.1 Il-Kunsillier Andrew Mallia staqsa lis-Sindku: "Tista tingħatali l-lista ta' Toroq Rurali li l-Kunsill Lokali Rabat applika għalihom sabiex jingħataw it-tarmac (Dan sabiex in-nies ma jiġux żgwidati kemm fuq il-midja soċjali kif ukoll fit-triq)?"

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sindku wieġeb: "Hekk kif ġie deċiż mill-Kunsill f'seduti 62 u 65, it-toroq li applika għalihom il-Kunsill taħt Miżura 4.3 huma Landrijiet, Imtaħleb, Wied Rini u Ta' Koronja".

71.4.2 Il-Kunsillier Andrew Mallia staqsa lis-Sindku: "Minħabba li issa dieħla x-xitwa, nistgħu nkunu nafu liema *culverts* tnaddfu u liema huma dawk li ma tnaddfux? Jekk għadhom ma tnaddfux xi 'culverts' jista' jkollna d-dati meta dawn ser jitnaddfu"?

Is-Sindku wieġeb: "Hekk kif mitlub lill-kuntrattur, il-*culverts* tnaddfu kollha fl-aħħar

ġimgħa ta' Awwissu, għajr għal xi erba' li ġew maqbuża mill-kuntrattur. Il-kuntrattut ġie infurmat u mitlub b'imejl sabiex il-*culverts* li ġew maqbuża jiġu mnaddfa mill-aktar fis possibbli u jagħti data meta ser isiru dawn ix-xogħlijiet, liema data sal-lum ma kinitx riċevuta".

71.4.3 Il-Kunsillier Andrew Mallia staqsa lis-Sindku: "Nistgħu nkunu nafu d-data meta l-Imtaħleb ser jinqata' il-ħaxix"?

Is-Sindku wieġeb: " Il-qtugħ ta' ħaxix l-Imtaħleb ser jinbeda l-ġimgħa d-dieħla".

71.4.4 Il-Kunsillier Andrew Mallia staqsa lis-Sindku: "Jista' l-Kunsill jgħidilna għalfejn it-*tyres* użati għall-Imtaħleb *Hillclimb (motorcross)* għadhom fit-tela' tal-Imtaħleb meta nifhem li wara l-*event* suppost li tneħħew mill-organizzaturi *Malta Motorsport Federation"*.

Is-Sindku wieġeb: " Għamilt rapport jien personali lill-pulizija dwar dan il-każ".

** Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jiġi skużat fit-8.05 ta' filgħaxija.

**71.5 Għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/T/0160/17**

71.5.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Nazju Cassar, issekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo, il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0160/17 tingħata lill-offerent *Synthesis Management Services Limited*, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kollha mitluba.

Għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/T/0160/17

**71.6 Tiġdid tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka – RLC/T/0149/15**

71.6.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0149/15 għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka – RLC/T/0149/15

**71.7 Tiġdid tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* – RLC/T/0153/15**

71.7.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0153/15 għal xogħlijiet ta' *patching* u ppropona li din il-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* – RLC/T/0153/15

**71.8 Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-servizz ta' Mini Bus Rabat/Mtarfa – RLC/Q/091/15**

71.8.1 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/091/15 għall-servizz ta' Mini Bus Rabat/Mtarfa u ppropona li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li

Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-servizz ta' Mini Bus

din il-kwotazzjoni tiġi mġedda. Rabat/Mtarfa – RLC/Q/091/15

**71.9 Approvazzjoni tal-pjanta tal-Proġett ta' Ġnien Bir Iljun**

71.9.1 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-pjanta tal-proġett ta' Gnien Bir Iljun. Wara diskussjoni li saret gie deċiż li l-ammont ta' siġar protetti imsemmija fil-pjanta jiġu mibdula ma' siġar mhux protetti. Approvazzjoni tal-pjanta tal-Proġett ta' Ġnien Bir Iljun

Is-Sindku ppropona li l-pjanta tiġi approvata hekk kif emendata. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jiġi skużat fit-8.30 ta' filgħaxija.

**71.10 Attivitajiet għall-Milied**

71.10.1 Is-Sindku ppropona li l-attività tal-Milied għat-tfal issir nhar il-Ġimġħa 22 ta' Diċembru 2017 mis-6.00 ta' filgħaxija 'l quddiem f'Misraħ il-Paroċċa. Din l-attività ser issir b'risq il-*Community Chest Fund*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Casar. Il-Kunsill qabel unanimament. Attività tal-Milied għat-tfal

71.10.2 Is-Sindku ppropona li s-siġra tal-Milied f'Misraħ il-Paroċċa tiġi mixgħula l-Ġimgħa l-1 ta' Diċembru 2017. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Siġra tal-Milied

71.10.3 Saret diskussjoni dwar l-armar tat-toroq għal żmien il-Milied. Is-Sindku ppropona din is-sena t-toroq jiġu mixgħula l-Ġimgħa l-1 ta' Diċembru 2017 u li l-ħlas lill-kull għaqda għandu jkun bħal tas-sena 2016. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

Il-ħlas għas-sena 2017 lil kull għaqda se jsir kif ġej:

- Għaqda Żgħażagħ Rabtin Pawlini - €875
- Arċikonfraternità ta' San Ġużepp - €700
- Arċikonfraternità ta' San Anton Abbati u Madonna taċ-Ċintura - €300
- Komunità Franġiskani Konventwali - €350

71.10.4 Is-Sindku ppropona li din is-sena l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Membri taż-żewġ Kumitati Amministrattivi u għall-Amministrazzjoni tal-Kunsill issir nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 fit-8.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ikla tal-Milied

**71.11 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Ottubru – Diċembru 2017)**

71.11.1 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Ottubru – Diċembru 2017 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm. Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Ottubru – Diċembru 2017)

Is-Sindku ppropona li l-programm jiġi approvat. Issekonda din il-proposta l-

Kunsilllier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**71.12 Akkumulu ta' *Vacation Leave* mis-sena 2017 għall-2018**

71.12.1 Is-Sindku ppreżenta talba mis-Segretarju Ezekuttiv is-Sna. Orietta Cardona fejn qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex titrasferixxi l-bilanċ ta' 96 siegħa f' *vacation leave* li fadlilha għas-sena 2017 u jiġu trasferiti għas-sena 2018. Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li t-talba tiġi approvata. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill approva unanimament.

Akkumulu ta' *Vacation Leave* mis-sena 2017 għall-2018

**71.13 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru 34, 35 u 36**

71.13.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, seduti numru 34, 35 u 36 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru 34, 35 u 36

**71.14 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

71.14.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 273 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 273

**71.15 Mozzjoni 0010/17 – 'Mozzjoni sabiex jinbidlu l-bankini eżistenti izda fi stat ħażin ġewwa Triq il-Kbira'**

71.15.1 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona mozzjoni numru 0010/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0010/17 – 'Mozzjoni sabiex jinbidlu l-bankini eżistenti izda fi stat ħażin ġewwa Triq il-Kbira'

**71.16 Mozzjoni 0011/17 – 'Mozzjoni sabiex tittranġa l-bankina tal-Ursolini li tinsab ġewwa Triq tal-Virtù**

71.16.1 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona mozzjoni numru 0011/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0011/17 – 'Mozzjoni sabiex tittranġa l-bankina tal-Ursolini li tinsab ġewwa Triq tal-Virtù

**71.17 Mozzjoni 0012/17 – 'Mozzjoni sabiex jitwaħħal *railing* fuq wara ta' Blokk D – Vjal il-Ħaddiem, Għajn Kajjet'**

71.17.1 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona mozzjoni numru 0012/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi.
Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0012/17 – 'Mozzjoni sabiex jitwaħħal *railing* fuq wara ta' Blokk D – Vjal il-Ħaddiem, Għajn Kajjet'

**71.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

70.18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

70.18.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ............ ta'.......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |